MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 307/2006

Kawza fil-lista: 18

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Mejju 1997, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mAat bhala Dok. A u minn dan iz-zwieg twieldet D li ghandha disa' snin, certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. B;

2. Illi l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet

serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ghaz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4a. Illi l-kunsens tal-partijiet huwa wkoll vizzjat fit-termini tal-paragrafu A tal-artiklu 19(1) tal-Kap. 255;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

6. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi l-attur umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fil-31 ta' Mejju 1997, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b' mod generali, u b' mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat li l-konvenut ma prezentax risposta, izda fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2007 iddikjara li ma kienx qed jopponi ghat-talba attrici ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-31 ta' Lulju 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a] u [d], dak ta' l-attur, fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-konvenuta fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-31 ta' Mejju 1997 meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 17-il sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien ftit xhur, u meta l-konvenuta kellha hames xhur tqala. Fis-7 ta' Settembru 1997 twieldet it-tifla tal-partijiet. Wara konvivenza matrimonjali turbulenti ta' circa erba snin, il-partijiet isseparaw de facto; u illum l-attur qieghed f' relazzjoni stabbli mas-siehba tieghu, u jghix maghha, u minnha ghandu tifla ta' sentejn u nofs, filwaqt li l-konvenuta, minn naha taghha, ghandha relazzjoni ma' ragel iehor.

Jirrizulta sodisfacentement prova li meta l-partijiet bdew johorgu flimkien huma kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom, bir-rizultat li circa erba' xhur wara, il-konvenuta harget tqila. Meta ommha saret taf, dina haditha bi kbira hafna, u keccietha mid-dar. Il-konvenuta tghid li ommha kienet ghajjtet hafna maghha, u anke kienet ghajritha 'qahba' u kienet qaltilha li riedet tizzewweg bilfors; izda kemm il-konvenuta kif ukoll l-attrici ma riedu u ma kienux lesti ghaz-zwieg. Ghalkemm il-konvenuta, allura xebba ta' 17-il sena, ipprovat tirrezisti l-idea taz-zwieg hija kellha eventwalment iccedi ghall-

pressjoni kbira li ommha kienet ezercitat kemm fuqha kif ukoll fuq l-attur. Tieg ma sarx ghax il-konvenuta ma rieditx, u, minflok, saret ikla zghira.

Wara z-zwieg, il-problemi bdew jinqalghu mill-bidu nett, stante li l-partijiet, la kienu ppreparati ghaz-zwieg, u inoltre zzewwgu kontra qalbhom ; bir-rizultat li dawn birdu fil-konfront ta’ xulxin wara ftit xhur. Eventwalment l-attur dahal f’ relazzjoni extra matrimonjali ma’ tfajla Russa li, fuq rikjesta ta’ l-istess konvenuta dahlet tabita maghhom. Il-konvenuta tghid li kienet hi stess li riedet lil din il-mara tghix maghhom peress li kienet izzomilha t-tifla meta riedet tohrog il-Gimgha. Eventwalment, anke l-konvenuta dahlet f’ relazzjoni extra matrimonjali ma’ ragel iehor.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom, il-partijiet kienu affetti minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li meta zzewwgu dawn irrealizzaw li ma kienux kapaci jassumu l-obbligi matrimonjali fil-konfront ta’ xulxin, u jifformaw unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal.

Jirrizulta wkoll manifest li z-zewg partijiet, u partikolarment il-konvenuta, ma kellhomx il-volonta’ libera ta’ l-ghazla, izda kienu gew kostretti li jizzewwgu minn omm il-konvenuta li ghamlet pressjoni kbira u rrezistibbli fuq bintha sabiex din tizzewweg biex it-tarbija titwieled fiz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-31 ta’ Mejju 1997.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament mill-partijiet fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------